**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 114/2020 RM**

**Dr. Naged Megally**

**-Vs-**

**Francesca Fenech Conti**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Dr. Naged Megally fl-20 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta Francesca Fenech Conti tħallas is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni skont l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta), wara li jigi dikjarat illi, bhala awtrici u/jew persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni u/jew persuna responsabbli ghall-kontenut tal-grupp bl-isem "Woman for Woman  (Malta)" fuq is-sit socjali Facebook, il-kummenti ppublikati mill-intimata fuq l-imsemmi grupp fil-post datat 24 ta' Gunju 2020,  il-kumment tal-24 ta' Gunju 2020, il-kummenti fil-post datat 4 ta' Lulju 2020, il-kumment tal-4 ta' Lu;ju 2020   (kopja ta' liema huma annessi u mmarkati Dok. NM1,

NM2, NM3 u NM4 rispettivament), kif ukoll il-kummenti ta’ terzi ppublikati fl-24 ta’ Gunju 2020 u fl-4 ta’ Lulju 2020 fuq l-istess grupp (kif jirrizulta minn Dok. NM5 u NM6 rispettivament) huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni personali u professjonali tar-rikorrenti u li jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta, Francesca Fenech Conti, ippreżentata fid-29 ta’ Ottubru 2020 fejn eċċepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikkorent hija nulla għaliex il-kummenti allegatament malafamanti u/jew libelluzí ma sarux fuq midja kif definit fil-Kap.579 ta' Malta u lanqas ma jikostitwixxu midja miktuba u/jew pubblikazzjoni għal fini tal-liġi. B'żieda ma dan tajjeb li jiġi rilevat illi l-kummenti in kwistjoni saru fuq "closed group" u/jew "private group" fuq is-sit soċjali Facebook.com;

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, iżda mingħajr ebda' preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni hija nulla għaliex l-attur ġja intavola azzjoni ċivili kontra persuna oħra fuq l-istess allegat malafama (Rikors Numru 113/2020 li qed jinstema' kontestwalment minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta) u dan bi vjolazzjoni tal-proviso tal-artikolu 3 (3) tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tal-prinċpju legali ġenerali komunament magħruf bħal s-"single publication rule";

3. Illi fit-tielet lok, iżda assolutament mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, ir-rikorrent għandu jindika b'mod preċiż liema kliem u/jew kummenti u/jew opinijonijiet huwa bħala 'libellużi' u/jew 'malafamanti' fil-konfront tiegħu;

4. Illi fir-raba' lok, il-kummenti tal-eċċipjenti huma sostanzjalment veri kif ser jigi ppruvat;

5. Illi fil-hames lok, u f'kull każ, il-kummenti tal-eċċipjenti jikkonsistu f'dikjarazzjonijet privileggati;

6. Illi fis-sitt lok, u f'kull każ, il-kummenti tal-eċċipjenti jikkonsistu wkoll f'opinjoni onesta.

7. Illi finalment huwa bil-wisq evidenti illi r-rikkorent qed jittenta johnoq u jxekkel il-jedd fondamentali tal-eċċipjenti għall-liberta tal-espressjoni taghha u tan-nisa b'mod ġenerali.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha mogħti għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 fit-12 ta' Ottubru 2020 fejn *inter alia* u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ordnat illi l-kawża tiġi mismguħa u deċiża minnha;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw li minkejja li l-Qorti kif preseduta kellha fil-passat ħbiberija mal-konvenuta li għadha konoxxenza tagħha sal-lum, m'għandhom l-beda oġġezzjoni li kif preseduta tisma' u tiddeċiedi dan il-każ;

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-12 ta' Ottubru 2020 fejn ordnat illi l-provi miġjuba f'din il-kawża jkunu jgħoddu wkoll fejn applikabbli u jekk ikun il-każ, għall-kawża fl-ismijiet **Dr Naged Megally v. Jelena Bezzina** (Rikors Numru 113/2020);

Rat ukoll id-digriet tagħha mogħti fl-istess data appena msemmija fil-kawża fl-ismijiet **Dr Naged Megally v. Jelena Bezzina** (Rikors Numru 113/2020) fejn ordnat illi l-provi miġjuba f'dik il-kawża jkunu jgħoddu wkoll fejn applikabbli u jekk ikun il-każ, għal din il-kawża;

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2020 fejn semgħet lill-partijiet jaqblu li d-depożizzjoni ta' Jelena Bezzina fil-kawża bir-Rikors Numru 113/2020 fl-ismijiet **Dr Naged Megally v. Jelena Bezzina**, tgħodd bħala prova f'din il-kawża;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-1 ta' Awwissu 2022;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenuta ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579).

Il-Qorti fehmet illi din il-vertenza tqanqlet wara illi l-konvenuta Francesca Fenech Conti, li waqqfet hija stess il-profil fuq Facebook imsejjaħ "Women for Women" u hija wkoll l-amministratriċi ta' dan il-grupp, ippubblikat f'isimha fuq dan l-istess profil, żewġ stqarrijiet (Dok. NM1 u Dok. NM2, fol. 2 u 3) li kienu intbagħtu lilha minn persuni li xtaqu jibqgħu anonimi, biex jiġu pubblikati fuq dan il-profil. Dawn l-istqarrijiet it-tnejn jagħmlu referenza għal kawża istitwita mill-attur diversi snin qabel fejn ġie eventwalment deċiż illi l-attur ma għandux il-kwalifiki meħtieġa biex jitqies bħala speċjalist.

L-ewwel stqarrija tagħmel referenza u tipprovdi *link* b'aċċess għal artikolu li kien ġie pubblikat fuq timesofmalta.com fit-13 ta' April 2013 intestat "*Disabled doctor loses discrimination case*"[1]. Dan l-artikolu[2] kien irrapporta dwar l-eżitu ta' kawża kostituzzjonali fejn l-attur allega diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu fid-deċiżjoni tal-awtoritajiet li jirrifjutaw l-applikazzjoni tiegħu biex jiġi reġistrat fir-Reġistru tal-

[1] Dok. NM1 anness mar-Rikors promotur

[2] Vide wkoll kopja stampata ta' dan l-artikolu, Dok. JB1, fol. 122, 123 Rikors 114/2020.

Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku. L-attur, f'dik il-kawża, kien sostna illi din id-deċiżjoni kienet motivata abbażi tad-diżabilita' fiżika tiegħu, argoment li madankollu ġie respint mill-Qorti li kkonkludiet illi l-applikazzjoni tiegħu biex jiġi mniżżel fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti ġiet miċħuda għaliex ma kienx ikkompleta t-taħriġ kollu li kellu jagħmel biex jikseb l-akkreditazzjoni ta' speċjalista u din id-deċiżjoni ma kellha xejn x'taqsam mad-diżabilita' tiegħu.

It-tieni stqarrija[3] tagħmel referenza għall-istess deċiżjoni tal-Qorti (Rikors Numru 31/2009) u fiha jingħad li f'dik is-sentenza intqal hekk: "*Ir-rikorrent għandu biss ċertifikat ta' attendenza fil-qasam tal-ultrasound fis-settur tal-Ġinekoloġija u Ostetriċja. Għalhekk m'għandux il-kwalifiki sabiex jitqies li huwa speċjalist.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-fatt li l-konvenuta ippubblikat hija stess l-istqarrija ta' terza persuna u għamlitha tagħha biex tirrispetta x-xewqa ta' dik il-persuna l-oħra li tibqa' anonima, ifisser illi l-azzjoni għal malafama ġiet korrettement diretta fil-konfront tal-konvenuta għaliex effettivament, hija aċċettat li taġixxi bħala l-awtur tal-pubblikazzjoni, kif ukoll għaliex għall-fini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta[4]), fiċ-ċirkostanzi, tista' titqies ukoll bħala l-editur.

L-Artikolu 2 tal-Att jinkludi fid-definizzjoni tal-editur "*... kull persuna li tkun responsabbli għall-kontroll editorjali jew tal-kontenut ta' xi midja*."

Kif xehdet il-konvenuta stess, hija tamministra dan il-profil u hija wkoll il-persuna li għandha kontroll fuq il-kontenut li jiġi pubblikat fuqu billi għandha s-setgħa *inter alia* li tiddeċiedi liema *posts* minn dawk ippubblikati, anke minn terzi, għandhom jibqgħu u liema għandhom jitħassru. Dan jirrizulta mix-xhieda taghha stess fejn affermat ukoll illi bħala regola il-*posts* li jittellgħu ma jitħassrux. Minn dan il-Qorti fehmet ukoll li l-konvenuta ppermettiet li l-istqarrijiet ossia *posts* impunjati mill-attur, jibqgħu

[3] Dok. NM2 anness mar-Rikors promotur.
[4] Hawn iktar 'l isfel imsejjaħ "l-Att".

ippubblikati fuq il-profil *Women for Women* u għadhom sal-lum aċċessibbli għall-membri tal-grupp.

Collins, in propositu, jgħid hekk:-

"*Where defamatory material is posted online, such that it is capable of being downloaded and read at different points of time, persons with the ability to remove the posting may therefore in some circumstances become editors of it, even though they may have played no role in the commissioning, preparation, or original decision to publish it, if it can be said that, by not removing the statement, they have assumed editorial or equivalent responsibility for the decision to continue to publish the statement.*"[5]

Dan hu sinfjikanti għaliex l-attur ħarrek lill-konvenuta bħala l-persuna reponsabbli għal stqarrijiet ippubblikati wkoll minn terzi persuni fuq is-sit minnha amministrat. Bl-applikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, il-Qorti tqis illi l-konvenuta, billi għandha l-kontroll editorjali effettiv tal-kontenut tal-pubblikazzjonijiet fuq il-profil *Women for Women*, għandha titqies bħala l-editur tal-paġna tal-midja soċjali tagħha u bhala tali, hija wkoll responsabbli ghall-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet, fost dawk indikati mill-attur fl-att promotur bħala diffamatorji, li jista' jiġi eventwalment deċiż li tabilħaqq iwasslu imputazzjoni malafamanti fil-konfront tal-istess attur[6].

Dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet ixprunaw il-pubblikazzjoni ta' diversi *posts* fuq il-paġna tal-profil *Women for Women* minn membri varji tal-grupp dwar il-fatti magħrufin lilhom dwar il-kredenzjali tal-attur, it-titoli użati minnu fil-prattika medika tiegħu u l-kwalifiki li attwalment jippossjedi, kif ukoll dwar l-esperjenzi personali tagħhom bħala pazzjenti tal-attur, fost kummenti oħrajn.

---

[5] **Collins On Defamation** (2014 Ed.)
[6] Ara in propositu : **Sanchez v. France**, deċiża mill-QEBD fit-2.9.2021 (riferuta lill-Grand Chamber 17.1.2022).

Ikkunsidrat;

Il-konvenuta fl-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tagħha eċċepiet in-nullita' tal-azzjoni attriċi għaliex "*il-kummenti allegatament malafamanti u/jew libellużi ma sarux fuq midja kif definit fil-Kap. 579 ta' Malta u lanqas ma jikkostitwixxu midja miktuba u/jew pubblikazzjoni għall-fini tal-liġi.*"

Minnufih jingħad illi din l-eċċezzjoni mhijiex tajba.

Biex kliem malafamanti jitqiesu bħala libell jew inġurja, jeħtieġ li l-kliem jiġi ppubblikat, u l-pubblikazzjoni hija għalhekk element essenzjali tal-azzjoni. Effettivament biex tkun azzjonabbli taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), jeħtieġ illi l-malafama ssir permezz ta' att li bih (i) kitba jew stampat, cioe` midja mitkuba, "*tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni*" (dan jagħti lok ghal azzjoni ta' libell), jew (ii) kliem jew immaġni viżwali jigu disseminati (dan jagħti lok għal azzjoni għal inġurja).

'*Midja miktuba*', skont l-Artikolu 2 tal-Att, tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

Minn dan isegwi illi stqarrijiet li jsiru bil-miktub fuq pjattaforma aċċessibbli għall-pubbliku bħalma huwa Facebook, li huwa mezz ta' komunikazzjoni elettronika *online* fejn allura l-element tat-tixrid huwa sodisfatt, jaqgħu fid-definizzjoni ta' midja mitkuba u konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Att, għandhom ikunu meqjusa bħala ppubblikati.

Wara kollox, kif ritenut awtorevolment mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

"*As the Court has previously held, in the light of its accessibility and its capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet, which includes blogs and social media (see Magyar Helsinki Bizottság v. Hungary [GC], no. 18030/11, § 168, 8 November 2016), plays an important role in enhancing the public's access to news and facilitating the dissemination of information in general (see Delfi AS, cited above, § 133). However, while user-generated expressive activity on the Internet provides an unprecedented platform for the exercise of freedom of expression, alongside these benefits certain dangers may also arise. Defamatory and other types of clearly unlawful speech, including hate speech and speech inciting violence, can be disseminated like never before (ibid., § 110; Savva Terentyev v. Russia, no. 10692/09, § 79, 28 August 2018; and Savcı Çengel v. Turkey (dec.), no. 30697/19, § 35, 18 May 2021)*"[7].

Ukoll:-

"*1. The Court reiterates that owing to its accessibility and capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet has now become one of the principal means by which individuals exercise their right to freedom of expression and information. The Internet provides essential tools for participation in activities and discussions concerning political issues and issues of general interest, it enhances the public's access to news and facilitates the dissemination of information in general.*"[8]

Insenjament li ma jħalli l-ebda dubju li stqarrijiet u dikjarazzjoni li jixxerrdu permezz ta' pjattaforma elettronika bħalma hija Facebook, jikkostitwixxu midja miktuba pubblikata u jekk dawn ikunu diffamatorji, ikunu wkoll azzjonabbli bħala libell taħt l-Artikolu 3 tal-Att.

---

[7] **Sanchez v. France**, deċiża 2.9.2021 (mhux finali: il-każ ġie riferut lill-Grand Chamber fis-17.1.2022).
[8] **Vladimir Kharitonov v. Russia** – deċiża mill-QEDB 23.6.2020.

Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-Qorti ma taqbilx illi l-fatt li l-istqarrijiet impunjati saru fuq « *closed group* » u/jew « *private group* » ifisser li ma jistgħux jitqiesu bħala malafamanti. Il-libell, kif anke définit fl-Att, ifisser malafama permezz ta' pubblikazzjoni u hija l-pubblikazzjoni l-element fondamentali kostituttiv tal-azzjoni għal malafama. Huwa ritenut illi stqarrija jew dikjarazzjoni titqies li ġiet ippubblikata anke jekk il-kitba jew stampat tista' tkun komunikata jew ġiet komunikata lil persuna waħda biss oltre għall-persuna aggravata.

Skont Gatley « *In order to constitute publication, the matter must be published by the defendant to (communicated to) a third party, that is to say, at least one person other than the claimant. ... Defamation protects a person's reputation and his reputation is not the good opinion that he has of himself but the estimation in which others hold him.*"[9]

In konklużjoni, u b'referenza għal dak li wkoll ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-Qorti tissenjala illi m'għandux jiġi konfuż il-kunċett ta' 'midja miktuba' mal-kunċett ta' 'midja', it-tnejn definiti fl-Att. Huwa minnu li l-jedd għall-eżerċizzju tal-azzjoni ċivili għal malafama huwa disponibbli fir-rigward ta' kull ħaġa li tiġi ppubblikata fil-'midja'[10] iżda dan premess, il-liġi hija wkoll inekwivoka illi stqarrijiet li jsiru f''midja miktuba' jitqiesu bħala ppubblikati u meta jkunu diffamatorji, jikkostitwixxi libell. Diġa' ġie stabbilit illi stqarrijiet li jiġu mxerrda bil-mezz ta' pjattaforma elettronika bħalma hija Facebook jikkostitwixxu 'midja mitkuba' u għalhekk, mhux f'lokha s-sottomissjoni illi t-tixrid ta' ideat fuq pjattaforma bħal din ma jikkostitwixxix pubblikazzjoni li hija azzjonabbli taħt l-Att bħala libell. Kif rajna, huwa l-kunċett ta' 'midja miktuba' u mhux il-kunċett ta' 'midja' li jsawwar l-element tal-pubblikazzjoni għall-fini tal-eżerċizzju ta' azzjoni ta' libell taħt l-Att, u mhux pubblikazzjoni fil-midja.

---

[9] Gatley: *On Libel and Slander* (2013 Ed.), 6.1 p. 188.
[10] Ara Artikolu 3(1) u 3(3) tal-Att.

Ikkunsidrat;

It-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta - li l-fatt illi l-attur diġa' intavola azzjoni għal malafama fil-konfront ta' persuna oħra fuq l-istess allegat malafama iġib in-nullita' tal-azzjoni - m'hijiex tajba. Huwa minnu illi l-Artikolu 3(3) tal-Att jistipola li ma jistgħux isiru kawżi separati kontra l-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-istess Artikolu, ċioe' l-awtur, l-editur u r-responsabbli għall-pubblikazzjoni u huwa minnu wkoll illi l-konvenuta hija l-awtriċi ta' wħud mill-istqarrijiet u kif ukoll l-editur. Iżda l-liġi hija ċara li din il-projibizzjoni ssib riskontru biss f'każ li l-azzjonijiet jiġu istitwiti "*dwar l-istess malafama*" u l-Qorti wara li fliet l-atti u l-provi akkwiżiti f'din il-kawża u dawk akkwżiti fil-kawża l-oħra (Rikors Numru 113/2020) fl-ismijiet **Dr. Naged Megally v. Jelena Bezzina**, tqis li huwa evidenti li l-azzjonijiet jikkonċernaw malafama naxxenti minn stqarrijiet differenti, stqarrijiet li jwasslu imputazzjonijiet differenti. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Att ma jsibux riskontru fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina.

L-attur għandu raġun ukoll meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu sostna illi r-regola magħrufa bħala *single publication rule* ssib applikazzjoni biss f'każ ta' pubblikazzjonijiet magħmula **mill-istess persuna**. Il-Qorti taqbel illi din ir-regola, stabbilita statutorjament bid-dħul fis-seħħ tal-Att fl-2018 fl-Artikolu 13, tistipola li l-persuna aggravata hija prekluża milli tmexxi b'azzjoni separata kontra l-awtur jew waħda mill-persuni l-oħra msemmija fl-Artikolu 3 tal-Kap. 579 fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet għall-pubbliku ippubblikati mill-istess persuna meta dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu sostanzjalment l-istess. Il-konvenuti f'din il-kawża u fil-kawża Rikors Numru 113/2020 fl-ismijiet **Dr. Naged Megally v. Jelena Bezzina** huma persuni differenti u għalkemm l-istqarrijiet kollha ippubblikati minnhom rispettivament jikkonċernaw lill-attur, huwa ovvju li l-istqarrijiet impunjati fiż-żewġ kawżi m'humiex l-istess stqarrijiet u kif diġa' ngħad, iwasslu imputazzjonijiet differenti u distinti minn xulxin.

Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni sejra tiġi respinta fl-intier tagħha.

Ikkunsidrat;

Fir-Rikors promotur, l-attur għamel referenza għal diversi stqarrijiet ippubblikati mill-konvenuta u minn terzi persuni fuq il-profil fuq Facebook bl-isem *Women for Women*[11].

Imbagħad, meta xehed, l-attur qal li l-konvenuta iddeskrivietu bħala "*nurse*" u lmenta illi l-konvenuta ma għandha l-ebda jedd tisfidah biex jippubblika l-kredenzjali tiegħu meta dawn jinsabu pubblikati fuq is-sit elettroniku tal-*Fetal Medicine Foundation* ta' Londra[12] u meta setgħet faċilment għamlet il-verifiki opportuni mal-Kunsill Mediku u d-Dipartiment tas-Saħħa.

Ħassu aggravat ukoll għaliex il-konvenuta qalet li mhux veru li huwa "*resident specialist*"[13]. Fir-rigward tal-istqarrija Dok. NM2[14] fejn intqal li huwa għandu biss ċertifikat ta' attendenza fil-qasam ta' *ultrasound* fis-settur tal-Ginekoloġija u Ostetriċja", l-attur fix-xhieda tiegħu sostna illi dan mhux minnu għaliex għandu tabilħaqq ċertifikat ta' kompetenza, mhux biss attendenza, fil-*maternal fetal medicine* minn The Fetal Medicine Foundation u sostna illi b'hekk, huwa speċjalizzat f'*maternal and fetal medicine*[15]. Huwa rrikonoxxa li m'għandux speċjalizzazzjoni fil-ġinekoloġija minħabba li ma setax jikkompleta t-taħriġ minħabba d-diżabilita' fiżika tiegħu[16], iżda saħaq illi huwa "*specialist*"[17] għaliex huwa reġistrat u jaħdem fil-kariga ta' *Resident Specialist Obstetrics and Gynaecology* fl-Isptar Mater Dei sa mill-2008.

L-attur xehed ukoll illi wara li ġew ippubblikati l-istqarrijiet fl-4 ta' Lulju 2020 mingħajr ħadd ma talbu għall-verżjoni tiegħu, diversi pazzjenti bdew jikkanċellaw l-

---

[11] Dok. NM1, Dok. NM2, Dok. NM3, Dok. NM4, Dok. NM5 u Dok. NM6, ilkoll annessi mar-Rikors promotur.
[12] Il-Qorti kkostatat illi fuq dan is-sit elettroniku (fetalmedicine.org) l-attur jinsab indikat fost il-"Health care professionals from Malta who have obtained the certificate of competence in **fetal Doppler ultrasound**."
[13] Xhieda tal-attur tal-14 ta' Ġunju 2021, fol. 60.
[14] Anness mar-Rikors promotur
[15] Kontro-eżami, 14 ta' Ġunju 2021, fol. 64.
[16] Fol. 64.
[17] Xhieda tal-14 ta' Ġunju 2021, fol. 53.

appuntamenti li kellhom skedati miegħu fl-Isptar St. James mingħajr spjegazzjoni u saħaq illi dan seħħ b'riżultat tal-pubblikazzjonijiet malafamanti in diżamina.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-istqarrija tal-konvenuta (Dok. NM3[18]) li ġiet ippubblikata minnha fl-4 ta' Lulju 2020 wara li rċeviet ittra legali li ntbagħtilha fuq inkarigu tal-attur b'rabta, ma fiha l-ebda imputazzjoni diffamatorja kwalsiasi u għalhekk ma tistax titqies li hija malafamanti.

Imbagħad, fir-rigward tal-aggravju tiegħu li ntqal li huwa mhux Resident Specialist, l-attur xehed: "*Qalu li mhux veru li hu medical and resident specialist, ma nafx minn fejn ġabuha dik ukoll.*"[19]

Hawnhekk il-Qorti fehmet illi l-attur ħassu aggravat bis-segwenti stqarrija tal-konvenuta fil-post ippubblikat fl-4 ta' Lulju 2020:-

"*...* [I] *hope he is also ready to apologise to anyone who might have felt they were mislead* (*sic*) *by his meaning of the words on his facebook and other sources of being a "Resident specialist Obstetrics and gyncology* (*sic*) *and a Specialist in Maternal-fetal medicine at St. James Hospital (wording is exactly as I found it today 04/07/2020 on his facebook page)*."

Iżda l-Qorti minnufih tinnota li l-konvenut hawnhekk imkien m'hi qiegħda tgħid illi l-attur m'huwiex effettivament "*a Resident Specialist Obstetrics and Gynaecology at Mater Dei Hospital*".

Bħala punt ta' tluq, għandu jiġi mfakkar illi l-istqarrija impunjata trid tinqara neċessarjament fl-ifsond u fil-kuntest tal-pubblikazzjoni sħiħa: wara kollox, skont il-

---

[18] Anness mar-Rikors promotur, fol. 4.
[19] Xhieda tal-attur, 14 ta' Ġunju 2021, fol. 60.

prinċipju assodat in materja, l-imputazzjoni allegatament diffamatorja trid tkun waħda li tinsilet mill-pubblikazzjoni moqrija fl-intier tagħha multo magis meta din tkun waħda pjuttost qasira bħalma huwa l-post in diżamina.

"*Ordinary readers do not read in isolation but take the context into account, including the surrounding circumstances. They are taken to have read the whole article, not just the headlines, but importantly, the more sensational the article, the less degree of analytical care is expected,* ***in contrast to serious publications which trigger an assumption of caution and close critique***." [20] (emfasi tal-Qorti)

Huwa żbaljat u infondat it-teżi li l-qarrej ordinarju ta' *posts* li jiġu pubblikati fuq pjattaforma bħalma hija l-midja soċjali, għandu jitqies li jaqra biss l-ewwel u l-aħħar paragrafu tal-istqarrija: dan m'huwiex prinċipju li qatt ġie formulat u mħaddan mill-qrati fl-istorja tal-liġi tal-malafama u l-ġurisprudenza in materja. Għall-kuntrarju, fid-deċiżjoni ewlenija in materja, **Charleston v. News Group Newspapers Ltd** (1995), il-House of Lords riaffermat il-ġurisprudenza stabbilita in materja u riġettat l-argoment illi l-avvanzi fil-mezzi ta' komunikazzjoni u l-eżistenza tal-*mass media* ħolqu xi ħtieġa li jiġu żviluppati prinċipji u regoli ġodda li jippermettu lill-persuna aggravata li tistrieħ fuq imputazzjonijiet li huma bbażati fuq:-

" *... natural and ordinary meanings that only arise if the words are severed from their context, even if in fact, a significant portion of the audience to whom the words were published would have arrived at a meaning in this very manner and thus thought less of the plaintiff.*"

F'din l-istess deċiżjoni ġie riaffermat il-prinċipju bażilari, imsejjaħ "*the single meaning rule*", imfisser bħala:-

[20] **Landmark Cases in Defamation Law**, (Edited by David Rolph) 2019 (2021 Ed.), b'referenza għal numru ta' deċiżjonijiet fosthom: **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd.** (2015) FCA 652.

"... *the meaning an ordinary, reasonable, fair-minded person would agree on, after considering the words in their whole, published context. If the whole contains some words which appear defamatory, the defamatory effect (or bane) may be neutralised by other contextual words which operate as an antidote*."[21]

Dan il-prinċipju, ben assodat fil-liġi tad-difamazzjoni, qatt ma ġie irrifjutat jew imwarrab u l-Qorti hi tal-fehma illi dan għandu jibqa' japplika anke għal pubblikazzjonijiet li jsiru fuq l-internet, għalkemm ċerti karatteristiċi ġodda tal-internet per eżempju l-pjattaformi differenti li jintużaw għall-konsenja tal-materjal (fosthom mobile phones) u *hyperlinks* għandhom jiġu kkunsidrati - dejjem jekk ikunu ta' relevanza fil-każ partikolari - għall-fini tad-determinazzjoni tat-tifsira tal-kliem impunjati u l-imputazzjoni li jnisslu.

Dan kollu qed jingħad għaliex għalkemm il-Qorti fehmet li l-attur ħassu aggravat bl-istqarrija fuq ċitata għaliex skont hu t-tifsira hi li **m'huwiex "*a resident specialist*"**, kif rajna l-konvenuta imkien ma qalet hekk u l-ebda imputazzjoni bħal dik imfissra mill-attur fix-xhieda tiegħu, ma titnissel mill-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata. Fil-fatt, meta din is-silta tinqara fil-kuntest tal-istqarrija sħiħa pubblikata mill-konvenuta (Dok. NM3 annessa mar-Rikors promotur) it-tifsira impunjata mill-attur ma tirriżultax.

Għall-kuntrarju, minn qari komplessiv tal-pubblikazzjonijiet esebiti mill-attur f'din il-kawża u tal-*posts* l-oħra kollha esebiti mill-konvenuta[22], il-qarrej ordinarju malajr jifhem illi dan il-*post* tal-konvenuta ġie pubblikat fuq il-paġna fuq Facebook tal-grupp *Women for Women* fil-kuntest ta' u in segwitu għal dibattitu permezz ta' sensiela ta' *posts* imtellgħin minn diversi membri fil-grupp fuq perijodu ta' diversi ġranet jekk mhux ġimgħat, dwar jekk l-attur huwiex kwalifikat u jekk għandux l-akkreditazzjoni neċessarja biex juża t-titolu ta' speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija u ostetriċja, u l-implikazzjonijiet tal-użu da parti ta' tabib mediku minn kredenzjali ta' speċjalist f'każ

[21] **Landmark Cases in Defamation Law**, *ibid*. p. 173.
[22] Ara dokumenti annessi mal-Affidavit ta' Jelena Bezzina.

li m'huwiex fil-fatt kwalifikat bħala speċjalist.  Dan id-dibattitu kien qed iseħħ fl-isfond tal-allegazzjoni li l-attur kien qed juża t-titolu ta' *gynaecologist* jew jiddeskrivi ruħu bħala speċjalist fil-ġinekoloġija għall-fini tal-prattika medika privata tiegħu fl-Isptar St. James meta m'huwiex akkreditat bħala speċjalist mill-awtoritajiet mediċi..

Il-konvenuta, **immedjatament qabel is-silta fuq ċitata** li abbażi tagħha l-attur qiegħed jallega li saret imputazzjoni diffamatorja, stqarret hekk lill-membri tal-grupp tagħha:-

"***There is a very simple way of clearing up any possible confusion or misunderstandings, all Dr. Megally or his lawyer need to do is send me a list of his medical qualifications and certificates showing him to be a specialist in Obstetrics and Gynaecology together with a link of the local medical registers and letters backing up his claims from the Medical Council and I will publish them here for you to see.***

***I also promise to be the first to apologise if I personally said anything that might be misleading in Dr. Megally's regard.  I would expect the same from Dr. Megally, and*** *hope he is also ready to apologise to anyone who hope he is also ready to apologise to anyone who might have felt they were mislead (sic) by his meaning of the words on his facebook and other sources of being a "Resident specialist Obstetrics and gyncology (sic) and a Specialist in Maternal-fetal medicine at St. James Hospital (wording is exactly as I found it today 04/07/2020 on his facebook page).*" (emfasi tal-Qorti fuq il-kliem li jippreċedu l-istqarrija allegatament malafamanti)

Minn dan, huwa pależement ovvju għal kulħadd li l-konvenuta ma kienetx qiegħda tagħti x'tifhem bħala fatt li l-attur m'huwiex *a resident specialist* fil-ġinekoloġija u ostetriċja jew mhuwiex kwalfikat biex juża dan it-titolu.  Għall-kuntrarju, it-tifsira ta' kliemha hija evidentement u sempliċement din: illi **jekk, wara kollox, kellu jirriżulta li l-attur m'huwiex hekk akkreditat, allura tistenna apoloġija**

**mingħandu lil min seta' ħass li ġie żvijat bit-tifsira tad-deskrizzjoni tiegħu nnifsu bħala *inter alia, a Resident Specialist*.**

Fil-fatt, il-konvenuta rnexxielha tressaq provi sodisfaċjenti[23] illi l-attur kien qed isejjaħ lilu nnifsu "Obstetrician and Gynaecologist" u kien imniżżel bħala speċjalist fil-qasam tal-ġinekoloġija l-attur għall-fini tal-prattika privata tiegħu fl-Isptar St. James[24] meta m'huwiex effettivament imniżżel fir-Reġistru miżmum mill-Kunsill Mediku bħala speċjalist f'dan il-qasam għalkemm huwa impjegat fil-kariga ta' Resident Specialist (Obstetrics and Gynaecology) fl-Isptar Mater Dei u għalhekk ma jistax juża t-titolu ta' speċjalist[25].

Evidentement, anke l-amministrazzjoni tal-Isptar St. James irrikonoxxiet il-fatt li peress li l-attur m'huwiex reġistrat bħala speċjalist ma jistax jeżerċita jew jagħmilha bħala tali, tant illi l-indikazzjoni tal-ispeċjalita' tiegħu fuq is-sit elettroniku tal-Isptar ġiet emendata in segwitu għall-pubblikazzjoni fuq il-paġna tal-grupp *Women for Women* tal-artikolu fuq timesofmalta.com[26] u ta' diversi *posts* oħrajn imtellgħin minn membri tal-grupp. Dan ifisser li effettivament il-possibbilita' jew potenzjal ta' żvijar fiċ-ċirkostanzi, ma kienetx merament ipotetika u għalhekk ma jirriżultax li din l-istqarrija tal-konvenuta saret b'mod irresponsabbli jew malizzjożament[27].

Huwa minnu li l-provi juru illi l-attur huwa impjegat fil-grad ta' *Resident Specialist (Obstetrics & Gynaecology)* fl-Isptar Mater Dei u seta' kiseb ukoll ċeritifikat ta' kompetenza fil-qasam ta' *fetal (Doppler) ultrasound*. Iżda l-Qorti hi tal-fehma illi munita bil-fatti li jirriżultaw mill-provi miġjuba mill-konvenuta, speċifikatament il-

---

[23] Vide Affidavit ta' Jelena Bezzina u d-dokumenti annessi, senjatament Dok. JB3 u Dok. JB6, Dok. MB1 u MB2.

[24] Ara Dok. JB6 u xhieda ta' Maria Bugeja, kif ukoll Dok. MB1 u MB2.

[25] Ara xhieda Arthur Camilleri, 12 ta' Jannar 2022 u Dok. AC u AC1 kif ukoll artikolu fuq timesofmalta.com – Dok. JB1. Il-Qorti tosserva illi minkejja li l-attur qal li huwa speċjalist fil-"*maternal and fetal medicine*", ma ressaq l-ebda prova ta' xi ċertifikat ta' kwalfika bħala speċjalist f'dan il-qasam jew prova li huwa mniżżel f'xi Reġistru ta' Speċjlisti f'dan il-qasam.

[26] Dok. JB1 mal-Affidavit ta' Jelena Bezzina, u Dok. NM1 anness mar-Rikors promotur.

[27] Tant hu hekk illi l-Artikolu 29(2) tal-Att XII tal-2003 jipprovdi: "*Persuna ma tkunx tista' skond il-liġi tassumi, la bil-miktub u lanqas xort'oħra, xi titolu jew tuża, jew tieħu sehem fl-użu ta' xi deskrizzjoni li tkun timplika li hija tkun speċjalista f'xi speċjalità fil-professjonijiet regolati b'dan l-Att kemm-il darba isimha ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti.*"

fatt li l-attur m'huwiex kwalifikat bħala speċjalist fl-oqsma ta' ġinekoloġija u ostetriċja iżda nonostante dan huwa jiddeskrivi ruħu bħala speċjalist fil-qasam, **ma kienx irraġjonevoli għall-konvenuta li tesprimi l-fehma li hemm bżonn li l-ekwivoċi dwar il-kwalifiki tal-attur jiġu epurati u kjarifikati darba għal dejjem u li jekk dawn juru li l-attur ma għandux il-kwalifiki li jivvanta, allura tistenna apoloġija mingħandu lil min seta' ġie żvijat**.

F'kull każ, il-Qorti ma taqbilx illi din l-istqarrija partikolari fiha xi imputazzjoni li l-attur deliberatament żvija lill-pubbliku meta ddeskriva lilu nnifsu bħala "*a Resident Specialist in Obstetrics and Gynaecology*" u bħala "*Specialist in Maternal-Fetal Medicine*" għaliex hawnhekk, il-konvenuta stqarret biss li hija tistenna apoloġija mingħand l-attur jekk kemm il-darba kien hemm min ħassu żvijat bid-deskrizzjoni ta' dawn il-kwalifiċi f'każ li jirriżulta li ma kellux dawn il-kwalifiċi jew kredenzjali. **L-element kundizzjonali li abbażi tiegħu saret din ir-riżerva fl-istqarrija in diżamina, huwa wieħed manifest u u f'din it-tifsira, il-Qorti ma tirravviża l-ebda imputazzjoni diffamatorja kwalsiasi**.

Ikkunsidrat;

Kif rajna, l-attur fid-depożizzjoni tiegħu lmenta li hija falza l-istqarrija li huwa m'huwiex Resident Specialist. Fil-fatt, il-Qorti wara li fliet l-atti ma tistax ma tosservax illi l-imputazzjoni li l-attur m'huwiex "*a resident specialist*" saret f'post partikolari, ippubblikat mhux mill-konvenuta iżda minn ċertu Anne Marie Bonello, liema post jinsab fil-pubblikazzjoni indikata fir-Rikors promotur, immarkata Dok. NM6[28].

"*You do not need to be a consultant to be in the Specialist Accreditation Register, **you need to be a Resident Specialist, which he is not**. He is only on the general register.*" (emfasi tal-Qorti)

[28] Annessa mar-Rikors promotur, fol. 7.

Jingħad minnufih li din l-istqarrija ta' fatt m'hijiex korretta għaliex kif ġie abbuntantement stabbilit mill-provi li ressaq l-attur, huwa tabilħaqq veru li huwa impjegat fil-kariga ta' Resident Specialist (Obstetrics and Gynaecology) fl-Isptar Mater Dei u ilu jokkupa din il-kariga sa mill-2008[29]. Madanakollu, il-Qorti tħoss li għandha tippuntwalizza li m'huwiex il-każ li kull stqarrija falza dwar persuna oħra hija wkoll neċessarjament diffamatorja u tagħti lok għal azzjoni għal malafama: imputazzjoni mhux veritiera hija azzjonabbli biss jekk hija diffamatorja ċioe', jekk tikkaġuna jew tista' tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Dan ir-rekwiżit ġie mfisser mill-awturi Ingliżi fl-analiżi tagħhom tad-dispożizzjoni analoga fid-Defamation Act, 2013, bħala wieħed li jiffoka fuq "*the degree of probability that the publication of a defamatory statement will cause actual harm to the reputation of the claimant ... It is the potential effect of the publication of the statement on the reputation of the particular claimant that is relevant.*"[30]

Fil-każ ta' din l-istqarrija, il-Qorti qajla tifhem kif il-pubblikazzjoni ta' din l-istqarrija solitarja partikolari, għad illi mhijiex korretta, tista' probabbilment tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Fil-fatt, din l-istqarrija ma twassal ebda imputazzjoni li hija diffamatorja bħal xi allegat kondotta mhux etika, immorali jew illegali da parti tal-attur u bl-ebda mod ma tipproduċi l-effett li jeħtieġ li jiġi riskontrat biex din titqies bħala malafamanti, ċioe' li "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*". Fil-fatt, l-attur ma ġiex akkużat li qed jaħdem fl-Isptar Mater Dei mingħajr il-kwalifiki neċessarji jew li ma jokkupax il-kariga ta' Resident Specialist fl-Isptar Mater Dei.

F'kull każ u lil hinn mill-konsiderazzjonijiet appena magħmula, jirriżulta mill-provi li ressqet il-konvenuta[31] illi din l-istqarrija partikolari ġiet kontradetta minn stqarrijiet oħrajn ippubblikati minn membri tal-istess grupp Women for Women bħala parti mis-sensiela ta' posts li ġew ippubblikati f'dan l-istess żmien fil-kors tad-dibattitu li kien

[29] Ara Dok. MDH1, fol. 51 u xhieda tal-attur, 14 ta' Ġunju 2021.
[30] Collins on Defamation (2014), 7.28, p. 153.
[31] Vide Affidavit ta' Jelena Bezzina.

qed jiżvolġi dwar din il-materja; stqarrijiet li jagħmluha ċar bħala fatt illi l-attur huwa effettivament imniżżel fir-Reġistru Ġenerali u illi jaħdem fid-dipartiment tal-ġinekoloġija u ostetriċja fl-Isptar Mater Dei, fosthom:-

"*Moreover he is on the general register it seems he would not have been allowed to work in Mater Dei if he was not qualified.*"[32]

u

"*He is NOT on the SPECIALIST REGISTER ... he is only on the general one ..... He works in Obs & Gynae but is not a recognised specialist.*"[33]

Bl-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti in materja, fuq imsemmija, il-Qorti tqis illi anke jekk għal mument, l-istqarrija mhux korretta ta' Anne Marie Bonello kellha titqies li twassal imputazzjoni diffamatorja għall-attur, din ġiet newtralizzata għal kollox mill-istqarrijiet appena ċitati. Il-Qorti m'hijiex lesta li tikkunsidra l-possibbilita' li l-qarrej tal-post ta' Anne Marie Bonello seta' ma jkunx qara wkoll il-posts newtralizzanti għaliex kif rajna, il-prinċipju regolanti in materja hi li **l-kliem impunjat bħala diffamatorju jrid jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-pubblikazzjoni intiera u f'dan il-każ, il-pubblikazzjonijiet impunjati kienu jifformaw parti minn serje ta' pubblikazzjonijiet konnessi u sekwenzjali fil-kors ta' dibattiitu bejn il-membri tal-grupp Women for Women, dibattitu li l-qarrej ordinarju membru tal-grupp in diżamina, għandu jkun preżunt li segwa fl-intier tiegħu**.

Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tosserva illi huwa żbaljat l-attur jekk jistenna li b'din l-azzjoni għal malafama jista' jikseb korrezzjoni tal-istqarrija mhux veritiera: kif inhu risaput, il-fini u skop tal-azzjoni għal malafama m'huwiex il-korrezzjoni ta' fatti skorretti jew inveritieri iżda r-rimedjar, permezz tal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, tal-ħsara kkawżata lir-reputazzjoni u f'kull każ, l-attur seta' jinvoka d-dritt tiegħu b'azzjoni taħt l-Artikolu 15 tal-Att, ċioe' id-dritt għar-risposta.

---

[32] Dok. JB15, fol. 132. Post ta' ċertu Loredana Cassone.
[33] Dok. JB23, fol. 136. Post ta' ċertu Anne Marie Bonello.

Iżda kif ġie stabbilit, l-istqarrija mhux korretta ppubblikata minn Anne Marie Bonello fuq il-paġna tal-Facebook Women for Women – li tagħha l-konvenuta għandha l-kontroll editorjali – mhijiex diffamatorja.

Ikkunsidrat;

Meta xehed, l-attur qal ukoll li l-konvenuta iddeskrivietu bħala "*nurse*" u lmenta illi l-konvenuta ma għandha l-ebda jedd tisfidah biex jippubblika l-kredenzjali tiegħu.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-konvenuta deskriviet lill-attur bħala "*nurse*", il-Qorti wara li fliet il-pubblikazzjonijiet kollha indikati mill-attur fir-Rikors promotur, ma riskontrat ebda stqarrija bħal din u tqis illi din mhijiex imputazzjoni li titnissel raġjonevolment minn qari komplessiv tal-posts allegatament malafamanti indikati fir-Rikors promotur.

Huwa minnu li l-konvenuta hija esprimiet ukoll kif ħassitha intimidata bl-ittra legali li rċeviet mingħand l-avukat tal-attur in segwitu għall-pubblikazzjoni tad-diversi stqarrijiet fuq il-profil Women for Women, iżda kuntrarjament għal dak li allega l-attur fix-xhieda tiegħu, din l-istqarrija bl-ebda mod ma tista' tinftiehem raġjonevolment bħala imputazzjoni li l-attur huwa "*a bully*".

Imbagħad, fir-rigward tas-sejħa tal-konvenuta biex l-attur jiddikjara huwa stess xi kwalifiki u kredenzjali għandu sabiex hija tippubblikahom fuq dan il-profil u b'hekk il-kwistjoni tiġi kjarifikata darba għal dejjem (Dok. NM3[34]), il-Qorti tibda biex tosserva li din m'hija xejn għajr l-espressjoni *par excellence* tad-dritt tal-konvenuta li tirċievi informazzjoni kif protetta mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ċioe' "*... il-libertà li tirċievi ideat u tagħrif mingħajr indħil, libertà li tikkomunika ideat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni)*". F'dan il-każ, huwa evidenti li l-konvenuta, in vista u fl-isfond tal-konfużjoni fit-tagħrif u l-opinjonijiet konfliġġjenti tal-membri

[34] Fol. 4, anness mar-Rikors promotur.

tal-grupp *Women for Women* dwar il-materja, esprimiet id-dritt tagħha li tirċievi informazzjoni u ssir taf jekk tabib li jirreklama ruħu pubblikament bħala speċjalist, inkluż "*Specialist in Maternal-fetal medicine*", għandux tabilħaqq il-kwalifiki vantati minnu, u li tinforma lil min għandu interess li jkun jaf bil-fatti relevanti.  Dan bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala imputazzjoni malafamanti għall-attur u fi kwalsiasi każ, kif diġa' ġie stabbilit abbundantement mill-provi, l-attur m'huwiex effettivament rikonoxxut bħala speċjalista skont il-liġi[35] u mill-Kunsill Mediku u għalhekk, ma jistax leġittimament juża dan it-titolu.

Ikkunsidrat;

In kwantu mbagħad għall-fatt illi l-attur ħassu aggravat bil-pubblikazzjoni mill-konvenuta tad-dikjarazzjonijiet li jirreferu għall-eżitu tal-proċeduri li kien istitwixxa huwa stess fejn il-Qorti affermat ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jaċċettaw l-applikazzjoni tal-attur li jiġi mniżżel fir-Reġistru ta' Speċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku[36], il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Mill-provi, fosthom mid-dikjarazzjoni ppubblikata mill-konvenuta fl-4 ta' Lulju 2020 (Dok. NM3), jirriżulta illi hija ppubblikat l-imsemmija żewġ stqarrijijet fuq il-paġna tal-grupp W*omen for Women* (Dok. NM1 u Dok. NM2) għaliex filwaqt li l-fatti li ġew a konjizzjoni tagħha kienu juru li l-attur ma kienx kiseb il-kwalifiki neċessarji biex juża titolu li jimplika li huwa speċjalista fil-qasam mediku, fl-istess ħin seta' kien qiegħed jiddeskrivi lilu nnifsu pubblikament bħala *inter alia* "*Specialist in Maternal-Fetal Medicine at St. James Hospital*".  Il-konvenuta ressqet ukoll provi, li baqgħu mhux kontradetti, illi juru illi l-attur kien deskritt bħala "*Specialist*" fil-qasam tal-ġinekoloġija fuq is-sit ta' St. James Hospital[37] u bħala "*Gynaecologist & Obstectrician*" fuq *business cards* tiegħu.

---

[35] "speċjalista" tfisser professjonist fil-kura medika li jkollu ismu mniżżel fit-taqsima adatta tar-reġistru ta' l-ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill rilevanti skond dan l-Att' – Att XII tal-2003.
[36] Dok. NM1 u Dok. NM2 annessi mar-Rikors promotur: artikolu ippubblikat fuq timesofmalta.com u stqarrija dwar il-kawża Rikors Numru 31/2009, rispettivament.
[37] Dok. JB6 fol. 127.

Il-provi juru wkoll illi l-attur huwa impjegat fl-Isptar Mater Dei fil-grad ta' "*Resident Specialist (Obstetrics & Gynaecology)*": deskrizzjoni li l-Qorti fehmet li hija relevanti limitatament għall-fini tal-impieg tiegħu fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa u ma jfissirx illi huwa akkreditat bħala tabib speċjalista fl-ispeċjalita' tal-ġinekoloġija u ostetriċja. Huwa fatt illi biex tabib jista' leġittimament isejjaħ lilu nnifsu u juża t-titolu ta' speċjalista f'xi qasam partikolari tal-mediċina, jeħtieġ li ismu jkun inkluż fir-Reġistru ta' Speċjalisti tal-Kunsill Mediku: dan jirriżulta mhux biss mix-xhieda ta' Arthur Camilleri, ir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku, iżda wkoll mill-Artikolu 29 tal-Att XII tal-2003. Fil-każ tal-attur, huwa stabbilit illi huwa mhux imniżżel bħala speċjalista f'dan ir-Reġistru ta' Speċjalisti u l-Qorti fehmet illi l-attur jista' liberament u leġittimament juża t-titolu ta' speċjalista biex jiddeskrivi l-impieg tiegħu fl-Isptar Mater Dei[38] iżda mhux ukoll għall-fini tal-prattika privata tal-professjoni tiegħu fi sptarijiet jew kliniċi privati.

**F'dan l-isfond, huwa evidenti għall-Qorti li l-konvenuta kellha interess li fir-rwol tagħha ta' fondatriċi u amministratriċi tal-grupp Women for Women, bħala forum għad-diskussjoni ta' materji ta' interess għal nisa biss, tippubblika l-istqarrijiet li rċeviet mingħand terzi persuni in konnessjoni mal-kredenzjali tal-attur. Dan l-interess nibet mill-fatt illi d-deskrizzjoni tat-titolu użata mill-attur pubblikament timplika li huwa speċjalista f'xi speċjalita' fil-professjoni medika li jolqot direttament lin-nisa, tikkontrasta mad-deċiżjoni tal-Qorti li kienet ġiet rapportata u pubblikata fil-midja**[39].

Huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza in materja li jeżistu okkażjonijiet u ċirkostanzi varji fejn isiru dikjarazzjonijiet jew komunikazzjonijiet bejn persuni jew gruppi ta' persuni li jikkondividu interess leġittimu fil-materja tal-komunikazzjoni, li huma protetti bi privileġġ naxxenti proprju mill-okkażjoni li fihom ikunu saru u dan bħala kwistjoni ta' interess pubbliku, bħal per eżempju ilment dwar il-fornitura ta' servizzi

---

[38] Dwar il-kariga tiegħu ta' resident specialist obstetrics and gyanecologist, l-attur xehed "*Dik il-kariga tiegħi f'Mater Dei*".

[39] Artikolu fuq timesofmalta.com tat-13 ta' April 2013 – Dok. JB1 u Dok. NM1.

jew it-trasmissjoni ta' informazzjoni fi ħdan grupp jew organizzazzjoni li tolqot l-interessi tal-membri tagħha.

Skont Gatley[40], jissussisti privileġġ taħt il-liġi tal-malafama, f'dawk l-okkażjonijiet fejn il-persuna li tippubblika l-istqarrija impunjata tkun qiegħda taġixxi, *inter alia*, in bażi ta' dmir jew interess li għandha fil-materja u fejn min jirċievi l-istqarrija għandu interess jew dritt korrispondenti li jirċievi dan il-materjal, jew fejn il-pubblikatur jaġixxi f'materja li fir-rigward tagħha għandu interess komuni mar-reċipjent.

Il-ħsieb wara l-għoti ta' privileġġ f'okkażjonijiet simili fejn teżisti esiġenza raġjonevoli għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti, ġie mfisser hekk:-

"*... it is in the public interest that persons should be allowed to speak freely on occasions when it is their duty to speak and to tell all they know or believe, or on occasions when it is necessary to speak in the protection of some (self or) common interest.*"[41]

Il-protezzjoni li tingħata lil dawn id-dikjarazzjonijiet ma tiddependix fuq l-indaġni o meno fil-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet:-

"*In such cases no matter how harsh, hasty, untrue or libellous the publication would be but for the circumstances, the law declares it privileged because the amount of public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury.*"[42]

Huwa impossibbli li jiġu identifikati jew kategorizzati l-istanzi kollha fejn il-pubblikatur ikollu interess jittrasmetti l-informazzjoni jew jagħmel id-dikjarazzjonijiet

---

[40] On Libel and Slander, 2013 Ed., 14.7 p. 546 *et seq*.

[41] **Gerhold v Baker** 1918 HL W.N. 368 CA at 369 – Gatley *ibid.* 14.8 p. 547.

[42] **Hunter v Ward** (1859) 6 C.B (N.S.) 514 at 517. Intqal ukoll: "*It is better for the general good that individuals should occasionally suffer than that freedom of communication between persons in certain relations should be in any way impeded. But the freedom of communication which it is desirous to protect is honest and kindly freedom. It is not expedient that liberty should be made the cloak of maliciousness*" – Lord Coleridge C.J. f'**Bowen v. Hall** (1881).

impunjati iżda jeħtieġ dejjem li l-interess ikun wieħed leġittimu, li min jirċievi l-komunikazzjoni kellu interess li jirċeviha u l-fatti ma jurux li l-pubblikatur aġixxa b'malizzja ossia in malafede.

Fid-deċiżjoni ċelebri in materja li tiġi ċitata konsistentement b'approvazzjoni[43], ġie ritenut illi stqarrija li hija falza u inġurjuża lir-reputazzjoni ta' persuna hija azzjonabbli ħlief jekk issir f'okkażjoni privileġġata, ċioe' "*... unless it is fairly made by a person in the discharge of some public or* ***private duty whether legal or moral, or in the conduct of his own affairs, in matters where his interest is concerned****. ...* ***If fairly warranted by any reasonable occasion or exigency, and honestly made, such communications are protected for the common convenience and welfare of society****.*" (emfasi ta' din il-Qorti)[44]

Fi kliem Gatley: "*once the occasion is held to be a privileged one, the issue is whether the defendant acted honestly (i.e. without malice) not whether he behaved reasonably or took good care.*"[45]

Il-Qorti fehmet illi fil-każ li għandha quddiemha, jirriżulta li l-interess tal-konvenuta fid-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni tal-Qorti in konnessjoni mal-kwalifiki tal-attur (l-istqarrijiet (Dok. NM1 u NM2), jinsab fit-tagħrif tal-membri tal-grupp li hija waqqfet fuq Facebook taħt il-profil *Women for Women* dwar il-potenzjal ta' kunflitt bejn il-fatti rapportati fl-artikolu fuq timesofmalta.com u l-prattika medika kondotta mill-attur u kwindi, fl-interess li n-nisa membri tal-grupp tagħha ma jiġux żvijati.

---

[43] **Toogood v. Spyring** (Gatley, *ibid.* 14.7, p. 546) – Ara wkoll **Loutchansky v. Times Newspapers Ltd** (nos 2-5) (2001) EWCA.

[44] Intqal ukoll:- *"The word interest is not used in any technical sense. It is used in the broadest popular sense, as when we say that a man is 'interested' in knowing a fact-not interested in it as a matter of gossip or curiosity, but as a matter of substance apart from its mere quality as news."*

So long as the interest is of so tangible a nature that for the common convenience and welfare of society it is expedient to protect it, it will come within the rule." – Howe v. Lees (Gatley 14.16, p. 558)

[45] Gatley, 14.2, p. 534. Ukoll: *"A privileged occasion arises of the communication is of such a nature that it could fairly be said that those who made it have an interest in making such a communication, and those to whom it was made had a corresponding interest in having it made to them. When these two things co-exist, the occasion is a privileged one."* – **Hunt v. Great Northern Ry**. – 14.15 Gatley p. 557.

Il-konvenuta xehdet li hija pubblikat dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet biex "*ikun hemm awareness fuq it-tobba li hemm u m'hemmx u nitkellmu fuq l-affarijiet ġinekoloġiċi, fuq l-ultrasounds* ..." u dan għaliex il-grupp huwa miftuħ esklussivament lin-nisa biss biex ikollhom forum fejn jistgħu jesprimu ruħhom dwar materji li huma ta' interess għan-nisa "*it's a closed group u suppost safe space*".

Mill-provi jirriżulta li l-grupp ta' nisa *Women for Women* ġie imwaqqaf mill-konvenuta proprju:-

*"... in order to give women a safe space to discuss issues related to women, especially when it comes to women's health, rights and where women could offer help to each other. The group is closed/private and accepts only women's profiles.*"[46]

Jelena Bezzina, ukoll amministratriċi tal-grupp flimkien mal-konvenuta, xehdet ukoll hekk:-

"... ***we should be free to share such information for the benefit of women who are members*** ... ***and that we are only looking out for our members which is the scope of the group.***"

...

"*I believe that we should be able to trust Doctors and Clinics that we are visiting.*"

...

"*Here in conclusion many agreed that the whole point of our group was to share this kind of information especially when it comes to Doctors that treat women and we have a right to know.*"

Minn dan huwa manifest illi l-membri tal-grupp *Women for Women* kellhom interess tanġibbli li jirċievu l-informazzjoni komunikata lilhom mill-konvenuta permezz taż-żewġ stqarrijiet pubblikati minnha, liema pubblikazzjonijiet fil-fatt taw lok għal

[46] Affidavit ta' Jelena Bezzina.

dibattitu sħiħ bejn il-membri tal-grupp fuq perijodu ta’ diversi ġranet jekk mhux ġimgħat. Dan qed jingħad għaliex l-informazzjoni li ġiet komunikata mill-konvenuta lill-grupp ta’ nisa imwaqqaf minnha proprju biex jiddiskutu materji ta’ interess għan-nisa, kienet informazzjoni li dawn il-membri kellhom interess li jkunu jafu biha: **il-membri huma kollha nisa filwaqt li l-attur huwa tabib mediku li jipprattika f’qasam ta’ mediċina li huwa relevanti u bżonnjuż biss għan-nisa u għal ħadd iktar**. Minn dan m’hemmx dubju li l-materja tal-komunikazzjoni kienet ta’ interess esklussivament għan-nisa bħala pazzjenti attwali jew potenzjali tal-attur u seta’ għalhekk kien hemm min kien jew seta’ ġie żvijat mid-deksrizzjoni tiegħu bħala *specialist* u *gynaecologist*.

Għalhekk, il-Qorti tqis li l-interess kien wieħed reċiproku fis-sens illi naturalment, il-membri tal-grupp - li bħala nisa huma biss jistgħu qatt jeħtieġu s-servizzi tal-attur - kellhom interess li jirċievu dik il-komunikazzjoni, interess li huwa wieħed reali għaliex bħala moderatur u kwindi l-editur tal-profil Women for Women, hija l-konvenuta li għandha l-jedd u s-setgħa tiddeċiedi min għandu jitqies bħala eliġibbli biex jidħol bħala membru fil-grupp u liema stqarrijet li jittellgħu fuq il-profil għandhom jibqgħu u dawk li għandhom jitħassru. F’dan il-każ, hija mhux biss kellha obbligu soċjali li tippubblika l-istqarrijiet komunikati lilha minn membri oħrajn iżda kellha effettivament interess li tagħmel dan, biex tkompli tippromowovi d-dibattitu fil-grupp li hija waqqfet dwar kull materja ta’ interess għan-nisa, materja li f’dan il-każ huwa indiskuss li huwa ta’ interess inġenti għall-membri tal-grupp tagħha, irrispettivament min-numru tal-membri fil-grupp u irrispettivament mill-korrettezza o meno tal-fatti mertu tal-komunikazzjoni impunjata:-

“*The fact, however, that the defendant is mistaken as to the facts in the statement does not deprive him of his privilege: the very purpose of the defence is to allow the making, in good faith, of untrue statements.*”[47]

---

[47] Gatley, 14.18, p. 559, fejn jagħmel referenza għad-deċiżjoni fil-każ **Aktas v. Westpac Banking Corp. Ltd** (2010) HCA 25.

Il-ġurisprudenza stabbilita in materja tirritjeni wkoll illi mhux meħtieġ li jintwera l-komunikazzjoni tal-istqarrija impunjata, anke jekk din saret volontarjament u mhux b'risposta għal xi talba għall-informazzjoni, saret minħabba xi bżonn urġenti jew impellenti: l-istqarrija titqies li tkun ġiet ippubblikata f'okkażjoni privileġġjata kemm il-darba jintwera li saret għall-protezzjoni ta' xi interess u li teżisti relazzjoni ta' reċiproċita' ta' interess bejn il-konvenut u r-reċipjent tal-komunikazzjoni[48].

Il-fatt illi l-konvenuta ma għamlitx il-verifiki opportuni mal-awtoritajiet u jew ma rrapportatx lill-awtoritajiet kompetenti id-diverġenza apparenti bejn it-titolu użat mill-attur għall-fini tal-prattika medika privata tiegħu fl-Isptar St. James u l-fatti rapportati fil-pubblikazzjoni fuq timesofmalta.com, ma jfissirx li l-komunikazzjoni tagħha lill-membri tal-grupp tagħha ma saritx f'okkażjoni privileġġjata. Hawnhekk, huwa ovvju li l-konvenuta ma aġixxietx abbażi ta' xi dover legali iżda dover soċjali kif ukoll in bażi għal interess li hija għandha in komun mal-membri l-oħra tal-grupp tagħha u għalhekk il-komunikazzjoni kienet "*fairly warranted*" fiċ-ċirkostanzi "*for the common convenience and welfare*" tal-membri tal-grupp li jistgħu jiddiskutu bejniethom liberament materji li fihom għandhom interess leġittimu u li jaqsmu internament bejniethom il-preokkupazzjonijiet tagħhom dwar dawn il-materji mingħajr biża' li jiġu rinfaċċjati b'azzjoni għal malafama, għaliex għandhom interess li jkunu jafu bl-eżistenza ta' dubju dwar il-kwalifiki ta' tabib ġinekologu u dan naturalment biex ikunu f'pożizzjoni li jiddeċiedu jekk għandhomx jużaw is-servizzi offruti minnu bis-saħħa tal-kwalifika dubjuża, apparti li minn analiżi tal-fatti jidher li kienet ukoll oġġettivament ġustifikata.

Fid-deċiżjoni **Clift v. Slough Borough Council**, il-Qorti tal-Appell innotat illi l-eżistenza tal-privileġġ f'każijiet bħal dawn tistrieħ fuq il-manifestazzjoni ta':-

[48] Il-Qorti Suprema tal-Awstralja fil-każ reċenti **Papaconstuntinos v. Holmes a Court** (2012) (HCA 53) riteniet illi d-difiża ta' okkażjoni privileġġjata teħtieġ li min jikkomunika stqarrija diffamatorja juri reċiprocita' ta' dover u interess: ċioe' li min jagħmel l-istqarrija impunjata kellu dover jew interess li jagħmilha u li r-reċipjent tal-istqarrija kellu dover jew interess li jisma' dik l-istqarrija. Gatley in propositu jgħid hekk: "*There is no superadded requirement of 'pressing need' that arises in circumstances where a defamatory statement was made voluntarily and to protect personal interests*." – 14.34, p. 576. Jgħid ukoll: "***The real test is whether, having regard to all other circumstances of the particular case, it was the moral or social duty of the defendant to volunteer the communication***."

"*... either a duty situation or an interest situation, the former where the maker of the comminication was under some legal or social or moral duty to speak out and the recipient had an interest in receiving the information or in the latter case where the maker of the statement was acting in furtherance of some interest of his which the recipient has a reciprocal interest in receiving or was acting under a common interest in the subject-matter shared with the recipient.*"[49]

Minn dan kollu l-Qorti tikkonkludi li f'dan il-każ il-komunikazzjoni saret mill-konvenuta għaliex bħala mara għandha interess fil-materja ta' tobba li jipprattikaw fil-qasam tal-ġinekoloġija, lil persuni li għandhom l-istess interess ugwali li jirċievu dik il-komunikazzjoni: il-fatt li l-partijiet f'din il-komunikazzjoni għandhom interess komuni, li f'dan il-każ huwa naxxenti miċ-ċirkostanzi identiċi tagħhom, ifisser li din saret f'okkażjoni privileġġjata. Dan premess, il-Qorti tissenjala li l-okkażjoni tkun privileġġjata anke jekk il-konvenuta aġixxiet f'dan il-każ purament u esklussivament għall-fini ta' interess personali tagħha (li mhux il-każ), purche' l-komunikazzjoni saret lil xi ħadd li għandu interess leġittimu li jirċeviha. U kif diġa' ġie stabbilit, il-membri tal-grupp tagħha bla dubju kellhom interess li jkunu jafu li tabib li jipprattika fil-ġinekoloġija seta' ma kellux il-kwalifiki li jgħid li għandu.

**Huwa sinjifikanti wkoll illi l-fatt li isem l-attur m'huwiex imniżżel fir-Reġistru ta' Speċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku u l-fatt li ma kienx ġie hekk imniżżel għaliex ma kienx ikkompleta t-taħriġ meħtieġ biex jiġi akkreditat bħala speċjalista fil-qasam tal-ġinekoloġija, kienu diġa' fid-demanju pubbliku peress li dawn il-fatti kienu jifformaw il-mertu tad-deċiżjoni tal-Qorti pubblikata fuq is-sit timesofmalta.com.**

Il-Qorti tqis ukoll li għalkemm huwa minnu li l-artikolu pubblikat fuq is-sit timesofmalta.com dwar l-eżitu tal-kawża kostituzzjonali istitwita mill-attur dwar ir-rijfut tal-Kunsill Mediku li tniżżlu fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti, ġie pubblikat diversi

[49] (2010) EWCA, Civ 1171.

snin qabel il-pubblikazzjonijiet impunjati f'din il-kawża, dan ma jnaqqas xejn mill-okkażjoni privileġġata li fiha l-konvenuta ppubblikat l-istqarrijiet impunjati għaliex kif jirriżulta mill-provi, dawn l-istqarrijiet saru fi żmien meta l-attur kien għadu qed jiddeskrivi lilu nnifsu bħala speċjalista u bħala ġinekologu, kwalifiki li effettivament ma kellux[50]. Huwa immaterjali l-fatt li din l-allegazzjoni hija miċħuda mill-attur.

Fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti m'hijiex konvinta li bl-istqarrija impunjata, il-konvenuta eċċediet il-limiti tal-interess li kellha li tgħarraf lin-nisa membri tal-grupp tagħha dwar id-deċiżjoni tal-Qorti li affermat li r-rifjut tal-awtoritajiet li jniżżlu lill-attur fir-Reġistru ta' Speċjalisti sar għal raġuni leġittima u tqis li mhemm l-ebda prova li fit-tixrid ta' dawn l-istqarrijiet lill-membri tal-grupp – impunjati mill-attur – hija kienet motivata minn malizzja jew minn xi mottiv ulterjuri mhux relatat mas-sens ta' dover soċjali da parti tal-konvenuta lejn nisa oħrajn.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi d-disseminazzjoni tat-tagħrif dwar in-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-attur bħala speċjalista fil-ġinekoloġija u ostetriċja lill-grupp *Women for Women* saret mill-konvenuta b'mod irresponsabbli, indiskriminat jew sproporzjonat għaliex il-pubblikazzjoni kienet limitata għall-membri tal-grupp biss, grupp li huwa wieħed kontrollat u li jeżisti fuq pjattaforma b'aċċess limitat strettament għal nisa u nisa biss u għalhekk ma jirriżultax li l-konvenuta xerrdet l-informazzjoni lil persuni li ma kellhomx interess jew bżonn li jkunu jafu biha bħal per eżempju fuq xi pjattaforma tal-midja soċjali aċċessibbli minn kulħadd indiskriminatament. Għal din ir-raġuni wkoll huwa immaterjali kemm fih membri dan il-grupp anke għaliex huwa ppruvat li l-membri kollha jikkondividu l-istess karatteristika li fuqa hija fondata l-interess komuni tagħhom.

In vista tal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula, mhux meħtieġ li jiġu investiti l-eċċezzjonijiet tal-verita' u opinjoni onesta sollevati mill-konvenuta fir-Risposta tagħha.

---

[50] Ara xhieda ta' Maria Bugeja, CEO Sptar St. James.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuta iżda tilqa' safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż il-ħames u s-seba' eċċezzjonijiet, tiddikjara li l-istqarrijiet impunjati mill-attur m'humiex diffamatorji u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**